Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,582, 24 ta' Frar, 1998
Taqsima B

A.L. 68 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ordinamenti ta' l-1998 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D - fil-Fakulta' tat-Teoloġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakulta' tat-Teoloġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu l-Ordinamenti ta' l-1998 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - fil-Fakulta' tat-Teoloġija.

(2) F'dawn l-ordinamenti kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakulta' tat-Teoloġija; u

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D.

Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Mejju 1995 'l quddiem.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Biex jirreġistra direttament għall-Grad ta' Doctor of Philosophy (Ph.D.) fit-Teoloġija, kandidat għandu jkollu Liċenzjat jew grad ta' Masters, normalment b'Distinzjoni, fit-Teoloġija, Studji Reliġjużi jew Teoloġija u Studji Umani mill-Universita' ta' Malta jew gradi analogi mogħtija minn universita' oħra magħrufa.

4. Student li jkun qed isegwi l-kors għall-grad tal-M.Phil. fit-Teoloġija jista' japplika għar-reġistrazzjoni għall-Grad mhux qabel 12-il xahar ta' studju *full-time* jew 24 xahar ta' studju *part-time* fuq rakkomandazzjoni tas-superviżur tal-istudent u bl-approvazzjoni tal-Bord.

5. L-istudenti normalment ikunu meħtieġa jkunu jafu jaqraw tajjeb bl-ilsna tal-għejun ewlenin u sekondarji.

Il-Proposta ta' Riċerka

6. Il-proposta ta' riċerka għandha tkun f'wieħed mill-oqsma li ġejjin: Bibliku, Storiku, Teoloġiku (Dommatiku u Morali) jew Pastorali.

7. Il-proposta għandha tinkludi abbozz qasir (ta' madwar 800 kelma) tal-proġett u għandha ssemmi l-għejun li fuqhom se tkun ibbażata r-riċerka.

Is-Superviżjoni

8. Is-superviżur, propost mill-applikant skond it-termini tal-paragrafu (2) tar-regolament 4 tar-Regolamenti għall-Ph.D, għandu jkun approvat mill-Bord fuq rakkomandazzjoni tad-dipartiment li fi ħdanu se ssir il-proposta ta' riċerka, qabel is-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni lill-Kumitat tas-Senat tal-Ph.D.

Il-Format u l-Preżentazzjoni tat-Teżi

9. It-teżi normalment għandha tkun ta' bejn 70,000 u 80,000 kelma fit-tul, minbarra referenzi u bibljografiji.

10. Student għandu jkun meħtieġ jissottometti kopja tat-teżi, llegata kif xieraq, lil kull wieħed mill-eżaminaturi. Fi żmien tliet xhur minn meta jkun għadda mill-eżami tat-teżi, l-istudent għandu jissottometti żewġ kopji tat-teżi, li waħda minnhom għandha tiġi depożitata fil-Librerija ta' l-Universita' illegata kif ġej:

bi drapp (jekk jista' jkun iswed) bil-qxur iebsa u karti ta' kwalita' tajba; bl-ittri (jekk jista' jkun kulur id-deheb) fuq quddiem u d-dahar li juru:

(i) l-isem tal-istudent;

(ii) it-titlu jew it-titlu fil-qosor tat-teżi;

(iii) il-grad li għalih qed tiġi sottomessa t-teżi; u
(iv) is-sena meta tiġi sottomessa t-teżi.
Mapep, disinji, *graphs*, materjal stampat eċċ. għandhom ikunu illegati mat-teżi, iżda jekk dan ma jkunx possibbli għandhom ikunu ppreżentati għalihom ġo *folders* jew volumi speċjali u nnumerati.

11. It-test għandu jiġi ttajpjat fuq karti A4, fuq naħa waħda biss, bi spazju doppju u b'marġni ta' 40mm fuq ix-xellug u ta' mill-inqas 20mm fuq in-naħa ta' fuq, t'isfel u tal-lemin.